**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Emanuel Attard**

Illum 21 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Attard ta' 57 sena, iben Pietru u Josephine nee Gatt, imwieled Zebbug fl-20 ta' Dicembru, 1962 u residenti 'Shangri-La', Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug u detentur ta' karta tal-identita' 36553 (M):

Akkuzat talli gewwa l-Mdina, nhar it-03 ta' April 2010, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00 hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt u

cioe serq minn gewwa residenza numru 30 sitwata fi Triq l-Mhazen, Mdina, li hija residenza ta' Francesco Vella, anzjan ta' 76 sena, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzioni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta', tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), u bil-lok;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax–il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur1164.69) u li saret ghad-detriment ta' Francesco Vella;

U aktar talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

U fl-ahhar nett akkuzat bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 7, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-Qorti qeghda tiehu wkoll in kunsiderazzjoni r-rizultanzi is-social inquiry report minn fejn jirrizulta li l-imputat ghamel progress f'hajtu kif ukoll li ghadda minn zmien ta' mard serju. Tqis ghalhekk li ghalhekk ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation. Tenut ukoll ta' dan kollu l-Qorti tqis li mhux se titratta mal-imputat ghal ksur tal-ordni ta' probation u li mieghu kellu wkoll ordni ta' servizz fil-komunita' fejn l-imputat iddikjara li s-sieghat imposti ghamilhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet bl-applikazzjoni tal-

artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghar-raba' imputazzjoni l-Qorti taghzel li ma titrattax mal-imputat ghal ksur tal-ordni ta' probation.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €528.65 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. L-imputat qieghed jinghata sena (1) zmien sabiex ihallas tali ammont f'rati mensili. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc li jifdal jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**